MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Numru 904/2005

Il-Pulizija
(Spettur Stephen J Gatt)

Versus

Kevin Saliba

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Kevin Saliba ta’ 30 sena, iben Salvu u Dolores Agius, imwieled il-Pieta’ fl-4 ta’ Mejju 1975 u joqgħod 231 Triq Sant Elena Slieam u li għandu l-karta tal-identita’ bin-numru 215875 (M)

Akkużat talli fil-5 t’Ottubru, 2005 għall-ħabta tas-1.30 am ġewwa Triq Bisazza Sliema

a) Bil-ħsieb li jagħmel delitt ta’ serq mill-ħanut magħruf bħala Dickens Stationery, wera dan il-ħsieb b’atti esterni u

ta bidu għall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi pprova jisraq oġġetti ta’ valur li komplessivament jiswew aktar minn elf lira Maltin għad-detriment ta’ Joseph Schembri liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidnetali u indipendenti mill-volonta’ tiegħu, liema delitt huwa kkwalifikat bil-ħin, bil-mezz u bil-valur.

b) Talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirksotanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ta’ Joseph Schembri, mobbli jew immobbli, liema ammont ta’ ħsara ma jiskorrix il-ħames mitt lira Maltin imma iżjed minn ħamsin lira Maltija.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2158 tas-sena 1975, il-kunsens tal-imputat u tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol.4 u 6), u l-fedina penali tal-imputat

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament

4. Rat li l-proċess tħalla għas-sentenza għad-19 ta’ Jannar 2009.

Ikkonsidrat

**Il-Fatti.**

5. Joseph Schembri, l-allegat vittma tat-tentattiv ta’ serq, xehed li huwa għandu business ta’ Stationery f’Bisazza Street, Sliema u li fil-5 t’Ottubru, 2005, kienet daqqet l-alarm fis-01.30 ta’ filgħodu. Huwa kien ċempel lill-Pulizija u pprova jżomm lill-imputat, li huwa għaraf fl-Awla, li kellu idu mimlija demm. L-imputat kien għamillu ħsara ta’ Lm285 u Lm69 rispettivament (Fol.16).(Ara fol.JS1 fol.18).

6. L-Ispettur Stephen Gatt xehed li kienet inżammet persuna arrestata (l-imputat) wara li kienu sabu l-ħġieġa tal-ħanut (msemmi mix-xhud ta’ qabel) imkissra. L-imputat kellu d-demm f’idejh u kellu l-istess ilbies li kien semmielhom l-allegat vittma. L-imputat qal li ma kienx hu

l-ewwel wieħed li kisser il-ħġieġa iżda li t-tentazzjoni kienet għelbitu meta ra l-affarijiet fil-ħanut u għalhekk kien ipprova jkompli jkissirha.

**L-Istqarrija tal-imputat (fol.25)**

7. Fl-istqarrija tiegħu, magħmula fil-5 t'Ottubru 2005, l-imputat qal li meta għadda minn quddiem il-ħanut, l-alarm kienet diġa' qed iddoqq u nduna li d-daqqa li kien hemm fil-ħġieġa żgur kienet saret b'xi ħaġa soda. Huwa kompla jagħti fuqha b'idejh u b'saqajh. Huwa kien ra l-cordless phones u tħajjar għalihom.

8. Xehed ukoll PS 245 Keith Arnaud li kien mar fuq il-post tat-tentattiv ta' serq u sab lil sid il-ħanut li kien ipprova jżomm lil min kien qiegħed jagħti fuq il-vetrina. L-imputat iżda kien ħarab minn fuq il-post. Ix-xhud qal li kienu saqu fid-direzzjoni indikata mis-sid u sabu lill-imputat li kellu idu bid-demm u li nnega li kien kisser il-ħġieġa. Lis-sid ma kien insteraqlu xejn. Sid il-ħanut kien ikkonferma fl-għassa li l-imputat kienet il-persuna li kienet qed tkisser il-ħġieġa tal-ħanut.

9. PC 1354 Claudio Coppola ikkonferma l-fatti li jidhru fix-xhieda ta' PS 245 Keith Arnaud.

10. Xehdet ukoll il-Probation Officer Marietta Lanzon li qalet li l-imputat kien qiegħed taħt probation order li kienet tagħlaq f'Ottubru 2007. Huwa kien għamel improvement qawwi iżda kien fadallu biex jaqta' d-droga.

11. L-imputat ingħata żmien biex iħallas id-danni (seduta tat-28 ta' Marzu 2007). Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi fil-11 ta' Ġunju 2008.

12. Id-difiża ma tellgħetx provi.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

13. Mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat ta xi daqqiet lill-ħġieġa tal-ħanut ġestit minn Joseph Schembri minħabba, li skond kif qal fl-istqarrija stess, it-tentazzjoni kienet għelbitu. (Fol.25). M'hemmx dubju dwar it-tentattiv tas-serq għaliex l-imputat inqabad in flagrante minn sid il-ħanut stess li għaraf lill-imputat kemm fl-għassa kif ukoll fil-Qorti. Fuq kollox hemm ammissjoni fl-istqarrija tal-imputat stess. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni – jiġifieri ta' tentattiv ta' serq bl-aggravji msemmija.

14. Dwar il-ħsara, skond l-imputat, il-ħġieġa kellha daqqa meta huwa għadda minn quddiem il-ħanut. Iżda m'hemmx dubju li hu kompla jagħti kemm bil-ponn kif ukoll bis-sieq flok ma baqa' għaddej. Għaldaqstant il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta-tieni imputazzjoni b'dan pero' li din l-imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni u dan skond ġurisprudenza kostanti dwar l-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

## Konklużjoni

15. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 267, 270, 325(1)(b), 278(2) issib lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artilou 17(h) tal-Kap 9.

16. Il-Qorti qed tikkundanna lil-imputat għal sitt xhur priġunerija li minnhom ħgandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għaddt taħt arrest preventiv.

17. Qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex dan jagħti kull għajnuna medika possibbli lill-imputat u, li jekk hhu l-każ, jibda programm mill-aktar fis.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------